

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark verbali Ġermaniża “medi.eu” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10, 35, 39, 41, 42 u 44; it-trade mark verbali Ġermaniża “medi welt” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10, 35, 38, 39, 41, 42, 43 u 44; it-trade mark verbali Ġermaniża “medi-Verband” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10, 35, 38, 39, 41, 42, 43 u 44; it-trade mark verbali Komunitarja “World of medi” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5, 10, 35, 41 u 42; it-trade mark figurattiva Ġermaniża li fiha l-element verbali “medi Ich fühl mich besser”, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10, 35, 38, 39, 41, 42, 43 u 44; l-element verbali “medi” użat fl-isem kummerċjali u tan-negozju, għall-prodotti u servizzi kollha tat-trade marks fuq msemmija fit-territorju tal-Unjoni

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ u oppożizzjoni miċħuda

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 ⁽¹⁾, billi bejn it-trade marks kunfliġġenti hemm probabbiltà ta' konfużjoni u billi r-rikorrenzi pprovat li kienet il-proprietarja tal-isem tan-negozju u kummerċjali, kif ukoll ksur tad-dritt għal smiġh xieraq skont l-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 207/2009

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (78, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2010 — L-Italja vs Il-Kummissjoni Ewropea u EPSO

(Kawża T-248/10)

(2010/C 209/73)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenzi: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

Talbiet tar-rikorrenzi

— tannulla l-avviż ta' kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/177/10 — Amministraturi (AD 5) ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Marzu 2010, Numru C 64 A.

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk tal-Kawża T-218/09 Italja vs Il-Kummissjoni ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 180, 01.08.09, p. 59.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2010 — Kitzinger vs UASI — Mitteldeutscher Rundfunk, Zweites Deutsches Fernsehen (KICO)

(Kawża T-249/10)

(2010/C 209/74)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenzi: Kitzinger & Co. (GmbH & Co. KG) (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Kitzinger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Mitteldeutscher Rundfunk (korp tad-dritt pubbliku) (Leipzig, il-Ġermanja), Zweites Deutsches Fernsehen (korp tad-dritt pubbliku) (Mainz, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenzi

— tibdel id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-25 ta' Marzu 2010, fil-Każ R 1388/2008 b'tali mod li d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tat-28 ta' Lulju 2008 dwar l-oppożizzjoni Nru B 1 133 612 tiġi annullata u l-oppożizzjoni tiġi miċħuda;